

Brussell, 11 ta' Marzu 2022
(OR. en)

7017/22

ENT 29
MI 177
COMPET 143
ENV 201
TRANS 132
IND 63
DELECT 39

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	ST 5740/22 + ADD 1 - C(2022) 0395 final
Suġġett:	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) .../... tas-26.1.2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi regoli dettaljati dwar il-proċeduri speċifiċi tal-ittestjar u r-rekwiżiti tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tar-reġistratur tagħhom tad-data f'każ ta' avveniment u għall-approvazzjoni tat-tip ta' dawk is-sistemi bħala unitajiet tekniċi separati, u li jemenda l-Anness II ta' dak ir-Regolament - Intenzjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet għal att delegat

1. Fis-26 ta' April 2022, il-Kummissjoni ppreżentat l-abbozz ta' Regolament Delegat imsemmi hawn fuq lill-Kunsill f'konformità mal-Artikoli 4(6) u 6(6) tar-Regolament (UE) 2019/2144 (Regolament dwar is-Sikurezza Ġenerali tal-Vetturi, GSR)¹.

¹ Regolament (UE) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip għall-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, kif ukoll għas-sistemi, għall-komponenti u għall-unitajiet tekniċi separati maħsubin għat-tali vetturi, fir-rigward tas-sikurezza ġenerali tagħhom u tal-protezzjoni tal-okkupanti tal-vetturi u l-utenti vulnerabbli tat-triq, li jemenda r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 78/2009, (KE) Nru 79/2009 u (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tar-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 631/2009, (UE) Nru 406/2010, (UE) Nru 672/2010, (UE) Nru 1003/2010, (UE) Nru 1005/2010, (UE) Nru 1008/2010, (UE) Nru 1009/2010, (UE) Nru 19/2011, (UE) Nru 109/2011, (UE) Nru 458/2011, (UE) Nru 65/2012, (UE) Nru 130/2012, (UE) Nru 347/2012, (UE) Nru 351/2012, (UE) Nru 1230/2012 u (UE) 2015/166 (ĠU L 325, 16.12.2019, p. 1).

2. Il-GSR jeżiġi li l-vetturi bil-mutur tal-kategoriji M1 u N1 ikunu mgħammra b'reġistraturi tad-data f'każ ta' avveniment (EDR) mis-6 ta' Lulju 2022 għal tipi ġodda ta' vetturi u mis-7 ta' Lulju 2024 għall-vetturi l-ġodda kollha.
3. Il-proċeduri tal-ittejtjar u r-rekwiżiti tekniċi dettaljati għall-approvazzjoni tat-tip ta' tipi ta' vetturi fir-rigward tar-reġistraturi tad-data f'każ ta' avveniment huma soġġetti għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tan-NU Nru 160². Jenħtieġ li r-Regolament tan-NU jiżdied mal-lista ta' rekwiżiti applikabbli msemmija fl-Artikoli 4(5) u 5(3) tal-GSR.
4. Id-delegazzjonijiet kellhom sat-2 ta' Marzu 2022 biex joġġezzjonaw għall-att delegat. Sa din l-iskadenza, delegazzjoni waħda qajmet oġġezzjoni u l-ebda delegazzjoni ma għamlet kummenti.
5. F'dan il-kuntest, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill biex jikkonferma li ma hemm ebda oppożizzjoni għall-abbozz ta' Regolament Delegat, kif jinsab fid-dokument ST 5740/22 + ADD 1 bħala punt mingħajr diskussjoni f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss.

² Regolament Nru 160 tan-NU – Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni tal-vetturi bil-mutur fir-rigward tar-Reġistratur tad-Data f'każ ta' Avveniment (ĠU L 221, 21.6.2021, p. 15);

Regolament Nru 160 tan-NU – Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni tal-vetturi bil-mutur fir-rigward tar-Reġistratur tad-Data f'każ ta' Event [2021/1215] Serje ta' emendi 01 (ĠU L 265, 26.7.2021, p. 3).